MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Numru. 135/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettru Jesmond J Borg**
**Spettur James Grech)**

**Vs**

**Janis Caruana**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Janis Caruana ta’ 24 sena, bin Alexander u Mary nee D’Amato, imwieled tal-Pieta’ nhar it-22 ta’ Novembru 1985, residenti 7 Flat 3 Triq San Patrizju Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 577785(M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer f’dawn l-ahhar sitt xhur:

1. forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li kienet turi li ma kintix ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni

maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li kienet turi li ma kintix ghall-uzu esklussiv tieghu;

4. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li kienet turi li ma kintix ghall-uzu esklussiv tieghu;

Kif wkoll talli fl-4 ta' April 2010 ghall-habta ta' 8.00pm fi Triq San Duminku Valletta

5. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra membri tal-Korp tal-Pulizija bhala persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

6. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq membri tal-Korp tal-Pulizija bhala persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew nminhabba li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom skond il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
7. saq vettura ta' l-ghamla Mazda 323 bin-numru tar-registrazzjoni HAN 937 b'manjiera traskurata u perikoluza;
8. saq vettura ta' l-ghamla Mazda 323 bin-numru tar-registrazzjoni HAN 937 kontra d-direzzjoni tat-traffiku;
9. talli rrenda ruhu ricediv b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
10. talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' Probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr L Quintano LL.D., nhar id-19 ta' Novembru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula
11. talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' diversi sentenzi sospizi ta' prigunerija, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba biex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew li huma propjeta tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort'ohra tiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli, u dan ai termini ta' l-Artikolu 22A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsensi tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabeix dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-fedina penali tal-imputat, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-5 t'April 2010, il-proċes verbal redatt mill-

Maġistrat Dr Silvio Meli dwar 'Sejba ta' ammont ta' droga fil-pussess ta' Janis Caruana li huwa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 577785 (M) nhar l-4 t'April, 2010,' u l-proces verbal 'Stqarrija ġuramentata ta' Josephine D'Amato tat-8 t'April, 2010', u d-digriet li bih il-Qorti kkonfermat il-ħatriet tal-esperti kollha maħtura matul l-inkjesta.

Rat li l-imputat għamel ammissjoni bikrija tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema stqarrija huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha.

Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn ġew ippruvati skond il-Liġi.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u d-Difiża fejn kien hemm qbil li s-sentenza sospiża tkun estiża waqt l-perjodu ta' priġunerija effettiva kellha tkun 3 snin. Il-Qorti kellha tiddetermina l-multi komplessivament.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, la-rtikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B), 22A tal-Kap 101, 17 (b), 17(f), 17(h), 23A, 28A, 28B, 49, 50, 96(a), 95(1) tal-Kap 9, l-artikolu 15(1)(a) u tal- tal-Kap 65, l-artikolu 55(1) proviso u it-Tieni Skeda tal-Kap 65, u l-artikolu 23 tal-Kap 446 issib lill-imputat ħati tla-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat b'dan epro' li s-6 imputazzjoni hija assorbita fil-ħames imptuazzjoni, u bit-tielet u r-raba imputazzjoni assorbiti fl-ewwel u fir-raba' imputazzjoni. Wara li l-Qorti qieset li l-imputat għamel ammissjoni mal-ewwel, u wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena, qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' tliet snin u għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' €4600 liema multa għandha titħallas fi żmien tmintax-il xahar mil-lum. Jekk ma titħallasx fiż-żmien mogħti, din għandha tinbidel skond il-Liġi u jrid jitqies il-proviso li jinsab taħt l-artikolu 11(3). Il-Qorti qed tiskwalifika wkoll lill-imputat minn sewqan ta' xi vettura għal żmein tleit**

**xhur mil-lum. Barra dan il-Qorti qed testendi l-perjodu tas-sospensjoni tas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Jannar 2010 b'sentejn oħra li jidbew jgħaddu wara li jkun intemm iż-żmien indikat fis-sentenz msemmija u għalhekk iż-żmein operattiv tas-sentenza tat-22 ta' Jannar 2010 issa jispiċċa fis-sena 2016. Din l-applikazzjoni tal-artikolu 28B sar minħabba li l-imputat għamel ammissjoni mal-ewwel u wara qbil dwar dan il-punt bejn il-Proswekuzzjoni u d-Difiża. Il-Qorti spjegat lill-imputat x'jistgħu ikunu l-konsegwenzi jekk huwa jwettaq xi reat ieħor matul dan il-perjodu. Dwar it-terminu ta' priġunerija għar-reati li jinsabu f'din iċċ-itazzjoni għandu jaġġlika l-artikolu 22 tal-Kap 9.**
**Il-Qorti qed tordna sekwestru l-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli dovuta lill-imputat u li tinsab f'idejn terzi persuni u qed tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixi jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjeta' mobbli u mmobbli. L-elenku tal-propjeta' jista' jsir mir-Reġistratur jew, jekkisir rikors minnu jew mill-Prosekuzzjoni, minn espert li jkun maħtur minn din il-Qorti.**

**Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż kollha tal-esperti maħtura matul l-inkjesta u dan fi żmien xahar wara li r-Reġistratur joħroġ il-kont. Jekk l-ispejjeż ma jitħallsux, dawn jinbidlu fi żmien priġunerija skond il-Liġi.**

**Fl-aħħarnett qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------